

**Avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1048, u bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 kif implementat bir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1046 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

(2023/C 190/05)

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tal-persuni li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK (¹), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1048 (²), u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 (³), kif implementat bir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1046 (⁴) dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.

L-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 jeħtieġ li dawk il-persuni jridu jirrapportaw, qabel l-1 ta' Settembru 2022 jew fi żmien sitt ġimħat mid-data tal-elenkar fl-Anness I, skont liema tkun l-aktar reċenti, fondi jew riżorsi ekonomiċi fil-għuriżdizzjoni ta' Stat Membru li jappartjenu lilhom, huma proprjetà tagħhom, jinżammu jew huma kkontrollati minnhom, lill-awtoritā kompetenti tal-Istat Membru fejn jinsabu dawk il-fondi jew riżorsi ekonomiċi. Huma jridu jikkooperaw mal-awtoritā kompetenti nazzjonali fi kwalunkwe verifikasi ta' tali informazzjoni. In-nuqqas ta' konformità ma' dawn l-obbligi ser titqies bħala ċirkomvenzjoni tal-miżuri dwar l-ifriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi.

L-informazzjoni li trid tiġi rrapporata trid tintbagħat lill-awtoritā kompetenti tal-Istat Membru rilevanti permezz tas-sit web tagħha kif indikat fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 (⁵).

(¹) ĠUL 78, 17.3.2014, p. 16.

(²) ĠUL 140I, 30.5.2023, p. 14.

(³) ĠUL 78, 17.3.2014, p. 6.

(⁴) ĠUL 140I, 30.5.2023, p. 7.

(⁵) L-aħħar verżjoni konsolidata hija disponibbli fuq EUR-Lex - 02014R0269-20230225 - MT - EUR-Lex (europa.eu)